

# Jien rajt il-Mosta tinbidel

GIOVANNI DE MARTINO

*Ilkoll kemm aħna, xi darba jew oħra ltqajna ma' xi ħabib ta' tfulitna jew ta' żogħżigħtna u li konna ilna ħafna ma narawh. Meta ngħid aħna, inkun qed nifhem l-aktar għal dawk li daħlu fit-tielet età. Issa jekk dan il-ħabib li tiltaqa' miegħu tkun bqajt tarah b'ċerta regolarità allura fih ma tara ebda bidla speċjali. Lill-mara tiegħi, lil ħuti, jien ili nafhom tista' tgħid għomri kollu. Konna tfal lkoll kemm aħna u llum sirna nanniet ilkoll kemm aħna. B'danakollu quddiem għajnejja jien bqajt narahom xorta. L-istess ħbieb tiegħi li bqajt niltaqa' magħhom kultant. Għalija baqgħu xorta. Id-differenza kbira, enormi, taraha meta tiltaqa' ma' xi proxxmu li jkun ilek ma tarah snin sħaħ. Infatti mhux dejjem jirnexxilek tagħrfu. U meta wara ħafna taħbit jirnexxielek tidentifikah u tpoġġih eżatt f'postu, tibqa' b'ħalqek miftuħ qisek rajt lil Lazzru ħiereġ mill-qabar! U probabbilment hekk ukoll jagħmel hu. U t-tnejn li tkunu żgur li minn moħħkom ikun għaddej ftit jew wisq l-istess ħsieb: kif inbidel! Kif xjaħ!*

*L-istess ħaġa jiġri meta tmur f'xi post li tkun ilek ma tara. Ara dawk l-emigranti li jiġu jżuruna wara nuqqas ta' għoxrin, tletin sena. Jibqgħu mbellhin bil-bidla kbira li huma jgħiduli jkunu qed jaraw f'Malta. Aħna dik il-bidla ma tantx inkunu qegħdin narawha. Inkunu kbirna magħha. Bħal siġra li tikber magħna. Bħat-tfal tagħna stess li jikbru magħna. Nibqgħu narawhom dejjem l-istess. Imma ħej, ma nkunux bqajna l-istess. Inkunu nbdilna u nbdilna ħafna.*

*Anqas il-Mosta tagħna ma baqgħet l-istess. L-istess sewwa! Anqas temmen x'bidla enormi saret minn meta konna tfal.*

*Jien ġejt l-ewwel darba l-Mosta 62 sena ilu - fl-ewwel ġurnata tal-gwerra, fil-11 ta' Ġunju 1940. Dak iż-żmien il-Mosta kienet ferm u ferm iżgħar milli hi llum. Triq il-Kostituzzjoni - it-triq ta' l-arkata ngħidulha - kienet diġà miftuħa. Din it-triq kienet infetħet xi għaxar snin qabel u ssemmiet bħala tifkira tal-Kostituzzjoni li kienu tawna l-Ingliżi ftit qabel. Jien jiġifieri dejjem miftuħa nafha bid-differenza li tneħħi xi dar 'l hawn u oħra 'l hemm kienet kollha kemm hi għelieqi fuq iż-żewġ naħat tagħha. Id-djar li kien fiha kienu fil-veru sens tal-kelma jingħaddu fuq is-swaba t'idejk. Kien hemm żgur dak li llum huwa l-każin tal-P.N. u li fil-gwerra kien mimli nies tas-Servizz; kien hemm xi djar qodma faċċata tiegħu li mbagħad twaqqgħu xi 40-45 sena ilu; kien hemm il-kantuniera fejn illum toqgħod il-familja tas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo u li kienu ntbagħtu hemm għax il-ħanut li kellhom il-pjazza kien twaqqa'; kien hemm xi djar oħra faċċata, il-pompa tal-petrol, u mill-bqija għelieqi sa fuq nett fejn kien hemm l-Ark Royal Hall u li fih kienu jsiru t-tiġijiet. Fil-gwerra kien maħżen bil-kafè u mbagħad infetaħ bar ... għandu storja mżewqa.*

*Fejn illum hemm il-Fragola u ħafna ħwienet oħra moderni kien hemm ħajt għoli ta' ġnien u taħtu kienu jipparkjaw il-karozzi tal-linja billi l-garaxxijiet kollha kien irrekwiżizzjonahom il-Gvern biex jużahom bħala mħażen minħabba l-gwerra. Anki fejn illum jintrefa' l-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira, kien ikun mimli dqiq jew zokkor, allura tal-linja kienu dejjem ipparkjati hemm. Minn jaf kemm qattagħjna siegħat ġo fihom aħna t-tfal, inpaċċpċu u npejpu xi biċċa sigarett bil-moħbi.*

*Imbagħad ġie żmien wara meta taħt dak il-ħajt kien ikun hemm munzelli ta' żrar li jintuża għall-konkos. Dak iż-żmien il-konkos kien għadu ma daħalx sew u żrar ftit ikun hemm bżonn. Ftit, naturalment, paragunat mal-lum. U affarijiet li ma jitwemmnux, dak iż-żrar kien jitkisser bl-idejn! Qed narah quddiem għajnejja u niftakar eżatt min kien dak ir-raġel - Alla jaħfirlu - bil-qiegħda fuq ġebla, bi xkora taħtu, u b'kantun taż-żonqor quddiemu, mazza żgħira f'idu ... u jkisser, u jkisser, u jkisser. Kont nismagħhom jgħidu li ta' trakk żrar mimli kien jitħallas disa' rbajja - xelin u tliet soldi jew xi sitt ċenteżmi. Taraw, anki l-flus inbidlu bi tliet muniti differenti, irbajja, soldi u ċenteżmi!*

*Allura dak iż-żmien Triq il-Kostituzzjoni kienet waħda mill-ftit toroq li kellhom il-qatran. Veru tista' tgħid li kienet għelieqi kollha, imma kienet tgħaqqad il-parti t'isfel ta' Malta maċ-ċentru u miċ-ċentru għat-tramuntana u fl-aħħar nett għal Għawdex. Mhux għax dak iż-żmien kien hawn xi ħafna traffiku, imma l-bżonn ta' komunikazzjoni bejn naħa u oħra tal-gżira kien diġà beda jinħass. Apparti minn hekk is-Servizzi Ingliżi kienu jafu li toroq tajbin huma importanti ħafna speċjalment f'każ ta' gwerra. U għalhekk triq oħra bil-qatran kienet Triq il-Fortizza u li kif juri isimha stess, kienet twassal għall-Fortizza tal-Mosta. Infatti mal-mitt sena ilu l-Ingliżi kienu ħadu ħsieb jibnu pont tal-ħadid fuq Wied il-Għasel ħalli din il-fortizza tkun tista' tintlaħaq minn kull naħa. Maż-żmien, dak il-pont - li jidhirli kien l-uniku pont tal-ħadid f'Malta - kien beda jitherra u kien sar perikoluż għal ċerti vetturi goffi. L-ewwel għalqu biss parti minnu, imbagħad waqqawh għall-kollox u floku tela' dak li hemm illum tal-ġebel.*

*Niftakar biss żewġ toroq oħra li dak iż-żmien kienu bil-qatran. Triq il-Kbira, li tieħu min-naħa tal-Ibiċ lejn il-grigal u Triq il-Kungress Ewkaristiku - it-triq il-ġdida ngħidulha - li taqsam il-Mosta fi tnejn. Meta ġejna l-Mosta aħna u għal ħafna snin wara, din it-triq kienet meqjusa bħala triq prinċipali. Hemm kien hemm l-għassa tal-pulizija, hemm kienu joqogħdu l-elit tal-Mosta, u hemm kienu jsiru l-purċissjonijiet importanti. U f'din it-triq kienu l-parti l-kbira tal-ftit ħwienet li kien hawn fil-Mosta.*

*Għaliex dak iż-żmien fil-Mosta ftit li xejn kien hawn ħwienet. Mhux qed nirreferi għall-ħwienet tal-merċa imma għal ħwienet oħra. Il-Mosta kienet għadha kkunsidrata bħala raħal agrikolu u kull ma kien ikollna*



bżonn biex nixtru kien ikollna ninżlu 'l isfel, lejn il-Belt, jiġifieri. Mhux qed ngħid għal żmien il-gwerra, nifthiemu. Fil-gwerra ħadd ma kien jaf fejn kien u ħadd ma kellu moħħ xejn. Imma qed ngħid l-iżjed għall-ewwel snin ta' wara l-gwerra. Jekk kont trid tixtri żarbun, qmis, ġlekk, rigal għal tieġ ... kont trid tinżel il-Belt. Xejn, xejn, kif tkun hemm tgħaddi tieħu tè u żewġ pastizzi ... u tgħaddi sas-Suq tal-Belt ... u tmur sal-Barrakka ta' Fuq fejn kont issib fotografu li jdaħħal rasu ġo kaxxa u jitgħatta bi speċi ta' barnuża sewda u joħodlok ritratt li jtik dak il-ħin. Ma temmnux kemm affarijiet li llum jilagħbu bihom it-tfal u li tixtrihom bi rħis dak iż-żmien kemm kienu verament lussu. Hekk kienu r-ritratti. Ritratt fil-Preċett u ritratt fit-tieġ, u daqshekk.

Issa naqbdu tal-linja minn fuq Kastilja (fejn kienet il-venda tal-karozzi tal-Mosta) u nerġgħu lura l-Mosta.

Ħwienet, kif għedna kien hawn ftit imma bars kien hawn mhux ħażin. Ma kenux bars sbieħ u moderni bħal dawk tal-lum. Kienu tveren bħal ma naqraw fir-rumanzi. Kamra pjuttost żgħira b'dawl baxx. Aktarx bozza waħda mdendla b'xejd ta' l-enemel, aktarx blu. Bankijiet ta' l-injam mal-ħajt iserrħu fuq brackets tal-ħadid u mwejjed bil-wiċċ ta' l-irħam abjad. Kien ikun hemm ukoll xi erba' banketti fermi u baxxi. U xi żewġ siġġijiet li l-irġiel kienu joħorġu barra u joqogħdu bil-qiegħda fuqhom bil-maqlub: id-dahar tas-siġġu quddiem ħalli jserrħu jdejhom fuqu. Daharhom iserrħuh mal-ħajt. F'dawn il-ħwienet kienu jpoġġu normalment l-istess gaj ta' rġiel - ebda mara ma kienet biss toħlom anqas li tgħaddi minn quddiem ħanut ta' l-irġiel aħseb u ara kemm tidħol - kollha jpaċċpċu u jieħdu xi tè u jpejpu. U kultant jilagħbu l-karti. Billi dak iż-żmien fil-Mosta kien hawn mijiet kbar ta' nies tas-Servizzi, ġo dawn it-tveren li kienu mxerrdin mal-Mosta, spiss kont tara numru ta' suldati jew baħrin ipaċċpċu jew jogħxew bid-daħq kif jafu jagħmlu l-Ingliżi. Maż-żmien, umbagħad, bdejna naraw, mhux lis-suldati imma lin-nisa tagħhom, li waqt li żwiegħom kienu jkunu xogħol, kienu jqattgħu n-nofs ta' nhar kollu ta' fil-għodu f'dawn il-ħwienet ilegilgu u jpejpu, u mbagħad fil-għaxija jerġgħu jmorru fl-istess ħwienet ma żwiegħom li allura jkunu ġew lura mix-xogħol. Il-maġġoranza kbira tagħhom, dawn l-Ingliżi, kienu jonfqu kull ma jkollhom sa nofs ix-xahar u mbagħad jagħmlu nofs xahar jaħdmu bid-dejn. Jaqbdu s-salarju u jerġgħu l-istess u l-istorja dejjem tirrepeti ruħha.

Imma ma nagħmlux ħażin jekk nagħtu daqqa t'għajn f'iżjed dettal lejn din il-pjazza tar-Rotunda. Mhux kif inhi llum imma kif kienet fil-gwerra u fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra.

Sa wara l-gwerra fuq kull naħa taz-zuntier kien għad hemm tliet bokok ta' xelter li kien jgħaddi minn taħt iz-zuntier. Dan ix-xelter għadu hemm u l-Kunsill Lokali kien ħa ħsieb inaddfu u kultant jiftħu għall-pubbliku. Kien hemm bokka waħda n-naħa ta' l-Arċipriet u żewġ bokok oħra n-naħa l-oħra. Waħda minn dawn l-aħħar tnejn intilfet imma t-tnejn l-oħra għadhom hemm. Eżatt taħt il-każin tal-P.N. u eżatt taħt dak li kien każin tal-M.L.P. kien hemm żewġ skrapan mill-Isla li kienu jiġu minn xulxin - Karmnu u Salvu - min jaf bħala tifel kemm qattgħajt ħin ħdejn Karmnu narah itaqqab, idaħħal ix-xifa, il-ħajt, jissikka ... Salvu kien ipoġġi ż-żraben li jkun qed jagħmel taħt il-ħajt taz-zuntier, naħseb biex ikunu fix-xemx.

Il-kantuniera kollha ta' Pjazza Kafè kienet kompletament differenti. Manwel Cauchi, in-nannu ta' dawk li hemm issa, kellu ħanut ċkejken fil-kantuniera fejn kien jagħmel żewġ xogħolijiet biex jgħajjex il-familja: kien jaħdem ta' parrukkier u kien ukoll iħejt u jbigħ il-brieret. Dak iż-żmien kważi l-irġiel kollha kienu jilbsu l-beritta. Għamel żmien kien ukoll ibigħ xi gazzetta. Kien it-tifel tiegħu Joe, imbagħad, li beda ftit ftit jibdel sakemm għamel dak li hemm illum. F'dik il-kantuniera fil-gwerra kien hemm għajn ta' l-ilma, kien hemm żmien meta kien hemm kaxxa tat-telefon u anki kaxxa ta' l-ittri. Dak iż-żmien ftit kellhom l-ilma d-dar u kważi ħadd ma kellu telefon. Hemm hekk ukoll, imma f'nofs it-triq, kien hemm spira li fil-gwerra min jaf kemm Leli il-Garxaj kien itella' ilma minnha. Kien jarma speċi ta' grabja u barmil tiela' u ieħor nieżel. Naħseb kienu jtellgħuh biex ibexxu t-toroq, ma nafx!

L-ispiżerija tas-Sur Pawl dejjem hemm niftakarha, fil-kantuniera, imma, fejn illum hemm il-ħanut tad-deheb u d-dar tal-Paramount, hemmhekk kien hemm bar antik ħafna. Jien niftakar bih lil Ċikka ta' Barabanja u mbagħad kien bidel diversi sidien sakemm fl-aħħar kien spiċċa bl-Elite Bar. Minn jaf f'żogħżighti kemm ħadt tejiet minn hemm. Fil-kantuniera eżatt, imbagħad, fil-gwerra kien hemm toqba li kont titla' għaliha b'xi żewġ targiet. Kien speċi ta' bażaar f'idejn wieħed raġel. Taqsam Triq il-Kungress Ewkaristiku u fejn illum hemm dak il-ħanut żgħir tal-pastizzi kien hemm bażaar ieħor ta' waħda mara xwejħa, Grezzja. Dal-ħanut kien ħafna iċken milli hu llum, b'dana kollu din Grezz kont issibilha dak kollu li jfittxu tfal ta' l-iskola. Żewġ passi iżjed il-ġewwa u kien hemm bażaar ieħor. Illum ibiegħ strumenti tal-mużika, eċċ. Kien ta' xi nepputi ta' din Grezz, Ġelardu, li kien idoqq l-orgni tal-knisja u aħna nonfħulu, qabel għamlu kollox bil-mutur. Kien dan Ġelardu li kien għallimni li dik tissejjaħ 'safety' u mhux 'xejfti' rasor. Biss żmien wara jien ġieli għallimtlu xi tfal l-iskola. U ġejna draw!

Fil-faċċata, mbagħad, fejn illum hemm dak tal-fjuri, kien hemm bar ieħor. Kienu jieħdu ħsiebu żewġ nisa aħwa. Fuq wara kellhom parti riservata għal telefon pubbliku u fuq il-bieb, fil-għoli kellhom loud speaker/tromba kbira tar-rediffusion li dak iż-żmien kont issibu fil-pjazzez ewlenin ta' kull belt jew raħal. Maż-żmien dan il-loud speaker kien ittieħed fuq il-banka tal-lottu li hemm il-pjazza. Dak iż-żmien ftit ferm kien hawn radjijiet u dan ir-rediffusion pubbliku kien iservi biex jagħtina l-aħbarijiet ċensurati tal-gwerra, jagħti xi avviżi tal-Gvern, u javżana li jkun ġej xi attakk mill-ajru. Meta ttieħed il-pjazza wara l-gwerra mhux l-ewwel darba li smajna fuqu xi kummentarju ta' xi logħba futbol. Dak iż-żmien kien hawn pika kbira bejn it-tim tat-tielet



*diviżżjoni tal-Mosta u dak tar-Raħal Ġdid u taħt dan il-loud speaker kienu jinġabru ħafna nies jisimgħu l-kummentarju ta' Karmenu Costa meta kien ikun hemm xi partita bejn dawn it-timijiet. Niftakar ukoll ġlieda boxing bejn il-Mosti Xmun u l-Kalkariż, jidhirli Ġakki?, ma nafx żgur. Din il-ġlieda kienet qajmet pika kbira u fil-pjazza kien hemm briju kbir meta kien rebaħ Xmun il-Mosti.*

*Nerġgħu nersqu pass lejn in-Naxxar lejn dak il-bar li semmejt fil-bidu tal-paragrafu ta' qabel. Maġenbu kien hemm Spiru l-parrukkier. Tiftakruh, pulit pulit bil-lobbja? Kien raġel twajjeb ta' żmenijiet oħra u li kien delettant ta' ħafna affarijiet. It-tim tal-futbol tal-Mosta li kien għad m'għandux każin ġieli kien jiltaqa' għandu avolja ħlief kamra żgħira ma kienx hemm. Il-magażins li dan Spiru kien ikollu għall-klijenti kien jiċċensurahom u ma kienx iħalli fihom mara waħda jekk ma tkunx soru. Kien għadu kif daħal it-t.v. f'Malta u dan Spiru kien xtara wieħed. Il-ġemelle Kessler kienu jdejquh. Kienu żmenijiet oħra. Xorta, imma, nitolbu 'l Alla jaħfirlu.*

*Ftit il-ġewwa kien hemm diversi ħwienet. Parrukkier ieħor, Kola li kien delettant ħafna ta' l-għasafar. Maġenbu, fejn illum hemm Philip tal-laħam, kien hemm bar ieħor 'ta' Sonoż' u wara ta' eks-pulizija, Pawlu. Minn hemm kont nixtri t-tabakk tal-pipa għal missieri u kont nieħu pjaċir nara lil dan Pawlu jqatta' il-weraq tat-tabakk bi speċi ta' giljottina żgħira. Maġenbu ħanut ieħor tal-merċa li għadu hemm sal-lum u quddiemhom, fil-kantuniera, ħanut tal-laħam. Jidhirli li kien hemm ukoll xi skarpan ieħor 'l hemm. Faċċata wkoll kien hemm ħanut taż-żebgħa ta' Pawlu u Toni s-Sold li kienu msemmijin għall-kapaċità tagħhom li jaqtgħu l-ħġieġ. Maż-żmien dawn il-ħwienet kienu twaqqgħu biex titwessa' t-triq li tieħu għan-Naxxar u huma marru ftit bogħod fi Triq l-Oratorju. Fil-qrib kien hemm ukoll ħaddied u wieħed jagħmel il-karrettuni. Il-Lord Nelson Bar ilu jeżisti ħafna, Ta' Paswella konna ngħidulu u niftakar irġiel jgħaddu minn quddiem ommi li kienet toqgħod 'l hemm, bil-platt bl-ikel f'idejhom u jmorru jieklu hemm. Dan kollu lejn in-naħa tan-Naxxar.*

*Fuq in-naħa l-oħra, lejn il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, ukoll kien hemm numru ta' ħwienet mhux ħażin. Bieb ma' bieb ma' Cauchi l-parrukkier, kien hemm ħanut tal-merċa ta' Karmnu l-Gużu u l-mara tiegħu Rożi. Ġieli mort m'ommi nixtri minn hemm. Maġenb il-każin tal-banda kien hemm bar ieħor, is-Central jidhirli, u quddiemhom kien hemm xi ħwienet ta' l-imbid. Eżatt quddiem il-każin, fil-gwerra, kien hemm ħanut żgħir ta' wieħed minn Bormla li kellu t-tifel tiegħu, Salvu, ħabib tiegħi. Baqagħlu niesu l-Mosta u għamel żmien kien jikri r-roti. Naqra 'l fuq iżjed kien hemm, u għadu hemm, parrukkier ieħor, Wiġi, li għadu mimli bil-għomor. Illum floku hemm it-tifel, Manwel. Quddiem dan Wiġi kien hemm stationery ta' Ġanni Vella u bieb ma' bieb miegħu kien hemm żewġt ikmamar jinfdu li kienu jservu ta' bar u bażaar. Kienu ta' żewġ aħwa nisa oħra Ta' Dahruha. Konna nħobbu nidħlu nagħtu daqqa t'għajn aħna u sejrin l-iskola.*

*Iżjed 'il fuq kien hemm żewġt iħwienet tal-merċa bieb ma' bieb, xi żewġt iħwienet tal-ħwejjeġ - aktarx drappijiet bil-jarda. Fil-faċċata, fejn illum hemm is-City Bar, ġa kien hemm ħanut. Kien hemm ukoll skarpan, kien hemm ħanut ieħor taż-żebgħa ta' Prufan u eżatt fil-kantuniera kien hemm bażaar ieħor ta' ċertu Demarcu li għad għandu tifel joqgħod hawn il-Mosta. Meta jfettillu dan Demarcu kien joħroġ fi 'Triq il-Ġdida' fejn kien joqgħod, u kien joqgħod idoqq iċ-ċirimella. U aħna t-tfal niġru biex narawh! Bil-kemm temmen li f'naqra ta' pjazza għandek issib dak il-biżibilju ta' ħwienet. U dawn naturalment dawk li niftakar jien. Ma jfissirx li ma kienx hemm oħrajn.*

*U nerġgħu għal Triq il-Kungress Ewkaristiku.*

*L-ewwel bar kien fejn illum armat biż-żraben quddiem l-ispiżerija Rotunda. Kien ħanut żgħir dejjem bl-istess erba' klienti. Aktar 'l fuq lejn Birkirkara, mbagħad, kien hemm il-bar ta' Żoru. Eżatt quddiem il-Village. Dan Żoru ma tantx kellu laqam sabiħ, imma kulħadd hekk kien jafu: Żoru l-Maħmuġ. Il-puliti kienu jgħidulu l-Imakkar! Baqa' msemmi għat-tjubija tal-granita u tal-ġelat li kien jagħmel. Meta kien ikolli l-flus mhux l-ewwel darba li mort ħadt granita. Kienet kamra żgħira ħafna b'oħra fil-ġenb - fejn fil-għaxija kienu jħobbu jpoġġu xi erba' sajjieda dilettanti tal-kaħli. Kienu jdumu hemm sa tard bil-lejl, ipejpu, jixorbu t-tè u l-imbid u jħarrfu fuq il-kaħli, u jistkennu mill-bard u mix-xita. Jiena naf għax missier il-mara, Alla jaħfirlu, hemm kien ipoġġi. Kien dilettant ħafna tal-kaħli. Bieb ma' bieb miegħu, qed ngħid għall-kantuniera tat-Trend, kien hemm il-ħanut ta' Wenzu tal-kafè. Dan Wenzu twil, irqiq, kwiet u dejjem bis-sigarett f'ħalqu, kellu hu wkoll il-klienti tiegħu, imma ħaġa ta' l-għaġeb, meta dan Wenzu fettillu jirranġah dan il-ħanut, jiżbgħu u jimmodenizzah, tilef il-klientela kollha!*

*Żewġ bibien 'il fuq u bieb ma' bieb ma' l-għassa l-qadima kien hemm il-Billiard. Dan imma jixraqlu taqsima esklussiva għalih. Imbagħad fit-tarf ta' Triq it-Torri u kważi kantuniera ma' Triq il-Kungress Ewkaristiku, kien hemm Billiard ieħor. Il-Billiard tal-Vapura, konna ngħidulu. Ġieli flok Vapura, dan il-laqam konna nimmodernizzawh, 'ta' l-isteamer'! Ma tantx kien popolari dan il-Billiard għax is-sidien tiegħu, mara u raġel pjuttost xjuħ, kienu naqra qnieżaħ. Qnieżaħ fis-sens li kienu serji naqra żżejjed. U s-serjetà liż-żgħażagħ iddejjaqhom. Ftit konna mmorru hemm ħlief meta l-Billiard prinċipali kien ikun okkupat mill-kbar.*

*Erba' passi oħra 'l fuq, kantuniera ma' Triq Callus u fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Perit Fenech, kien hemm bar ieħor żgħir. Ċikku Fenech, missier dan il-perit, kien raġel kalm ħafna u li kien jagħmel l-imbid għall-quddiesa. Anki hawn kien bidel diversi sidien meta rtira Ċikku. Aħna t-teachers konna domna s-snin niltaqgħu hemm fis-siegħa biex umbagħad nitilqu flimkien lejn l-iskola. Ġamri Psaila, Benjamin, Salvinu u ħuh Pawlinu Sammut, Ġużeppi Muscat, Ġamri Galea, ta' Rużan, u żewġ ħbieb antiki, Hilary, it-tifel ta' l-imsemmi Benjamin,*



u Karmenu Galea tar-Rotunda. Jien, naturalment, u ħija. Ħafna minnhom dawn, Alla jaħfrilhom.

L-aħħar bar li niftakar, jidhirli li kien x'imkien lejn Pawlinu tar-roti. Lilu wkoll Alla jaħfirlu. Illum floku hemm ibnu Johnny.

Nistenbħu u nħallu l-ħolm warajna.

*Din Triq il-Kungress Ewkaristiku kienet bdiet titlef l-importanza tagħha meta nbena ċ-Ċentru Ċiviku fil-pjazza u l-għassa tal-pulizija, berġa, eċċ. niżlu hemm. Imbagħad wieħed jitħajjar mill-ieħor u l-bini beda tiela' u l-għelieqi jisparixxaw. Hekk it-triq ta' l-arkata bdiet tinbidel minn triq ġo l-għelieqi għal triq kummerċjali kif fil-fatt saret illum. Kemm din it-triq kif ukoll il-pjazza tal-knisja illum lanqas jingħafru minn kif kienu dak iż-żmien. Biżżejjed ngħid li fil-pjazza min jaf kemm lgħabna ballun mingħajr ebda biża' li ndabbru xi daqqa ta' karozza. Meta mbagħad bdew jiżdiedu l-vetturi, wara nofsinhar konna naraw pulizija jitlaq mill-għassa u jinżel il-pjazza biex jidderieġi t-traffiku. Kien ikollu par kmiem bojod li kien jilbes fuq l-uniformi tal-kaki u jagħmel is-sinjal lil min għandu jsuq u lil min għandu jieqaf. Kmiem bħal dawn kienu jilbsuhom in-nisa qabel jidħlu l-knisja jekk kien ikollhom il-kmiem 'il fuq mill-minkeb. Jidhirli li kienu jgħidulhom maniki jew xi ħaġa hekk.*

*Mal-ġenb tal-knisja fejn illum hemm il-parkeġġ, kien hemm blokk bini li kien twaqqa' biċċa biċċa u fi żmenijiet differenti. Infatti hawn ritratti li juru ħanut tal-kafè jħares lejn fejn hemm l-iljun illum. Dak jien ma niftakrux, imma niftakar xi dar li kellha x'taqsam mal-ħelu u mat-tiġijiet u jidhirli li darba hemm ħaduni għal riċeviment ta' tieġ ta' waħda kuġina tal-mara. Niftakar meta darba mort hemm m'oħti għal xi ħaġa konnessa ma' xi tieġ jew xi ħaġa hekk u fuq mejda kien hemm kappell. Jien għamilt ħalqi ma' widint oħti u għedtilha "Qisu ta' Pupull". Tiftakruha l-istorja 'Ir-Rebħa ta' Pupull' fil-ktieb tal-Malti (Ġabra ta' Ward)? Oħti li kienet hi ukoll għada tifla, ma setgħetx iżżomm bid-daħq u tgħidx kemm irrabjat miegħi. Kien hemm ukoll gallarija li minnha, nhar ta' Ħadd, kienet tittella' t-tombla li kienu jorganizzaw il-każin tal-banda Nicolò Isouard. Jidhirli li kien jgħajjat in-numri wieħed jgħidulu 'it-trilla'. Dak iż-żmien ma kien hawn l-ebda divertiment u n-nies kienu jimlew il-pjazza għal din it-tombla. U aħna t-tfal niġru u nisserpu minn bejn in-nies u nilagħbu 'Qattus' jew 'Pulizija u Ħallellin'.*

*Kif ġa għedt il-Mosta dak iż-żmien kienet ferm u ferm iżgħar milli hi llum. Mhux biss Triq il-Kostituzzjoni kienet kollha għelieqi, imma tliet kwarti tal-Mosta kienu hekk. Triq il-Kungress Ewkaristiku kienet tasal sal-klinika tat-Tabib Chetcuti Caruana u minn hemm 'l isfel kienet triq dejqa kollha għelieqi. Fejn illum hemm is-sorijiet ta' St. Monica, ħdejn id-dar ta' l-anzjani, lejn Santa Margerita, fuq il-pont, wara l-knisja... kullimkien għelieqi, għelieqi u għelieqi. U l-ftit bini kważi kollu sular wieħed. Aħna t-tfal kellna kemm irridu fejn nilagħbu, nistaħbew u ntajjru l-ħamiema (tajra) u ż-żgħażagħ kellhom fejn jixxalaw mod ieħor! Imma mhux kollox kien sabiħ kif jidher illum. Il-passat ma nafx għala, dejjem jidher sabiħ, imma ....*



*Kienu ħafna d-djar li dak iż-żmien ma kellhomx il-kumdità tad-dawl elettriku u ta' l-ilma fil-vit. U allura l-mitt kumdità li għandna llum u li ma toħlomx li toqgħod mingħajrhom, dak iż-żmien anqas biss kienu jeżistu. Id-djar li kellhom il-lussu tad-dawl elettriku kellhom biss... id-dawl elettriku. Dawl ta' bozza żgħira f'nofs ta' kamra b'naqra ta' xejd ta' l-enemel ħalli titfa' id-dawl 'l isfel. U l-kmamar tal-banju u l-flushings kienu għadhom ma jeżistux. U mnalla. Għaliex? Għaliex dak iż-żmien id-dranaġġ fil-Mosta kien għadu 'l bogħod. Allura dak kollu li llum imur fid-dranaġġ mingħajr tbatija ta' xejn, dak iż-żmien kien irid jew jinġarr u jintrema' f'xi biċċa ħamrija jew ġo xi biċċa art abbandunata; jew imur ġo xi fossa li ħafna djar kellhom u li spiss ħafna kienet tfur u tnitten it-triq u allura tkun trid titbattal; jew fl-aħħar nett kien ikun irid jitfaddal kollox f'xi barmil kbir u jitfaddal sa l-għada meta għodu għodu jiġi l-bawser u tnewwillu l-barmil jew bramel li jkollok. Dak kien żmien sabiħ eh? X'ma kienx hawn mard! U x'ma kinux imutu t-tfal u trabi bil-mijiet. L-aqwa li fis-sajf kienet tiġi l-bexxiexa x-xarrab it-trab tat-triq ħalli ma jtirx. U aħna t-tfal niġru wara l-bexxiexa u nieħdu pjaċir nixxarbu. Ftit minuti biss wara, bix-xemx taqli tas-sajf Malti konna nkunu nxifna kemm aħna kif ukoll it-triq. U t-trab jerġa' jibda jtir. Għax fid-dinja ħafna affarijiet huma konnessi u jiddependu waħda mill-oħra. Kif spjegajt aktar 'il quddiem, billi drenaġġ ma kienx hawn, l-iskart kollu kien ikun irid jew jinġarr jew jinħażen. Konsegwenza ta' dan allura, kulħadd kien jagħmel ekonomija mill-ilma. Mhux biss għax anki l-ilma ħafna drabi kien ikun irid jinġarr, imma l-iżjed għax l-ilma ħażin malajr kien ifawwar il-fossa li kienet tkun trid titbattal bi ħlas. Ħasil mill-inqas possibbli u flushings ma kinux jeżistu. Tistgħu timmaġinaw l-intejjen speċjalment fis-sajf. Niftakar l-iskola kien hemm flushings u aħna t-tfal tgħidx kemm konna nieħdu pjaċir niġbduhom. Biss allaħares kien jaqbadna l-purtinar.*

*Imma malli spiċċat il-gwerra, mewġa ta' ottimiżmu ġdid ħakmet il-pajjiż. Spiċċa l-biża' u t-taqtigħ il-qalb li ma tafx intix se tara x-xemx ta' l-għada. Ftit ftit bdew ġejjin minn barra l-prodotti li konna ilna snin imxenqin minnhom u l-ġuħ beda jittaffa. Konna qbadna t-triq tal-fejqan. Beda jkollna gvernijiet Maltin li kull wieħed minnhom beda jagħmel dak kollu possibbli ħalli jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-poplu. U l-kundizzjonijiet bdew verament jitjiebu. Jien li lill-Mosta rajtha tinbidel jum b'jum u sena b'sena, ma tantx nistagħġeb b'din il-bidla kbira li seħħet. Imma dawk kollha li għexu bogħod mill-Mosta għal numru ta' snin u jitħajru jiġu fostna jqattgħu l-mistrieħ tagħhom ma jistgħux ma jibqgħux imbellhin meta jaraw il-bidla enormi li seħħet f'dan ir-raħal fil-qalba ta' Malta.*